# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 54/K8/19**

Data tal-laqgħa: 10 ta' Jannar 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Vici Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Clayton Tanti Gregoraci – Kunsillier
Edgar Montanaro – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (0)**

Rita Dimech Portelli – Kunsilliera (Inc. 0085/2019)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

54.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tigi skużata għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**54.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

54.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 53/K8/18 għall-approvazzjoni.

54.2.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 53/K8/18.

54.2.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul issekondah fl-approvazzjoni ta' Minuti 53/K8/18.

54.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

54.2.05 Saret riferenza għall-proġett tal-ATM minħabba li l-kuntrattur LBV Ltd naqas li jibda x-xogħolijiet huwa ser jingħata ġimgħa ċans biex jibda dawn ix-xogħolijiet fejn fiha jingħata terminu meta għandhom jintemmew dawn ix-xogħolijiet. F'nuqqas li dan ma jsirx is-Segretarju ġie awtorizzat li jgħati t-*tender* lill-offerent li jmiss.

54.2.06 Dwar il-proposta biex jitwaqqaf monument għall Dun Anton Sciberras, kien hemm qbil li din titella' bħala item fl-laqgħa li jmiss fejn fiha jiġu mistiedna membri tal-Kumitat tal-Knisja ta' Lapsi.

54.2.07 Ġnien Spinola – beda jkun hemm is-servizz ta' security u saret talba lill-Malta Tourism Authority sabiex jitħallsu parti mill-ispejjez.

54.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem l-punt dwar l-użu ta' kamra li hemm fit-Tigulio minħabba li din qed tintuża minn persuni. Għaldaqstant għandha ninfurmaw lill-Għassa.

54.2.09 Saret riferenza għat-*tender* dwar *works supervisor*, kien hemm qbil li s-sejħa ma terġax tinfetaħ għalissa sabiex il-Kunsill il-ġdid jiddeċiedi hu.

**54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

54.3.01 Ittra mingħand il-familja tas-Sur Henry Calleja bħala ringrazzjament għall-arranġamenti li saru waqt il-funeral.

54.3.02 Iċ-Ċermen ressaq l-*appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Paul Spiteri, wara diskussjoni kien hemm qbil li jingħata l-*full performance bonus*.

**54.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

54.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar il-bollards li saru ġewwa Pender Gardens, minħabba li qegħdin perikolużi. Għandha tintbagħat ittra sabiex niġbdulhom l-attenzjoni.

**54.5 Quarterly Financial Report**

54.05.01 Is-Segretarju ressaq l-Quarterly Financial Report sat-30 ta' Settembru 2018 għall-approvazzjoni u ta spjegazzjoni tiegħu.

54.05.02 Il-Vici Sindku Dott Albert Buttigieg ppropona l-approvazzjoni tal-Quaterly Financial Report sat-30 ta' Settembru 2018. (Appendiċi 'A')

54.05.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah fl-approvazzjoni tal-Quaterly Financial Report sat-30 ta' Settembru 2018.

54.05.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.6 Diskussjonijiet dwar Proġett ta' Spinola;**

54.6.01 Saret diskussjoni dwar il-proġett ta' Spinola wara li l-Kunsillier Martin John Sultana kien bagħat ittra sabiex issir diskussjoni fil-Kunsill., Iċ-Ċermen ippreżenta pjanta bil-proposta għall-proġett ta' Spinola preparata mill-Perit tal-Kunsill. Saret diskussjoni fuq diversi issues relatati ma' din il-pjanta u kien hemm qbil sabiex issir laqgħa tal-Kunsill fejn fiha jiġi mistieden il-Perit tal-Kunsill għad-domandi tal-Kunsilliera u wara għandha ssir laqgħa konsultattiva mal-pubbliku.

**54.7 Talbiet żgħar;**

**54.7.01 Email mingħand is-Sinjura Jeanette Galea dwar Europe for Citizien LC Meetings (Inc. 8649/18)**

54.7.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Jeanette Galea dwar Europe for Citizien LC Meetings. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill japplika.

**54.7.02 Email mingħand is-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina dwar SPI 10/2018 – Restoration Scheme (Inc. 8745/18)**

54.7.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġejna nfurmati li t-talba tagħna għall-fondi tar-restawr tal-funtana li tinsab fil-Pjazza Balluta ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill kien qed jaqbel li jinstabu sorsi oħra biex jiffinanzjaw dan il-proġett. Għalhekk kellna naraw jekk nistgħux napplikaw għall-fondi tal-Development Fund jew sorsi oħra.

**54.7.03 Email mingħand is-Sur Charlo Seychell dwar Work Programme Initiative (WPI) (Inc. 8788/18)**

54.7.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Charlo Seychell dwar Work Programme Initiative (WPI). Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax.

**54.7.0 Email mingħand is-Soċjeta Mużikali tal-Karmnu, Balluta dwar Ittra Kunċert Katidral tal-Imdina (Inc. 006/19)**

54.7.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Soċjeta Mużikali tal-Karmnu, Balluta dwar talba sabiex ntellgħu attivita' flimkien forma ta' Kunċert fil-Katidral ta' l-Imdina. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel parti mill-organizzazzjoni.

**54.7.06 Email mingħand J.S. Logistics dwar Delivery person enquiry (Inc. 017/19)**

54.7.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand J.S. Logistics dwar Delivery person enquiry. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma qabilx li jagħti konċessjoni lil xi ħadd biex tinkiser il-liġi.

**54.7.07 Email mingħand JJ Miceli Demajo dwar UIP Potential Projects (Inc. 8009/18)**

54.7.07.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sur JJ Miceli Demajo dwar UIP Potential Projects. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir laqgħa miegħu.

**54.08 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

54.08.01 Ma kienx hemm minuti ta' Paceville.

**54.09 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

54.09.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

54.09.02 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

54.09.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah.

54.09.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

54.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4585 sa 4595. (Ara Appendiċi 'Ċ')

54.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**54.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

54.11.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 24 ta' Jannar 2019 fl-4.30p.m.

53.11.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 24 ta' Jannar 2019